A.L. 508 ta' l-2004

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI

(Kapitlu 437)

Regoli ta' l-2004 dwar ir-Registrazzjoni ta' Rziezet fid-*Database* Nazzjonali ghal Annimali Porcini

BIS-SAHHA tas-setgha moghtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ghamel dawn ir-regolamenti li gejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli dwar ir-Registrazzjoni ta'Irzizet fid-*Database* Nazzjonali ghal Annimali Porcini

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu biex jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Decizjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 2000/678(KE) dwar ir-registrazzjoni ta' rziezet fid-*databases* nazzjonali ghal annimali porcini:.

Izda d-disposizzjonijiet taht id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 64/432/KEE ghandhom jkunu bla pregudizzju ghal dawn ir-regoli.

Tifsira

2. Ghall-fini ta' dawn ir-regoli "l-awtorita kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji kif stabbilit taht l-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji

Informazzjoni li ghandha tigi inkluza fir-registru tar-razzett

3.(1) Ir-registru tar-razzett ghandu jkollu ghall-anqas din l-informazzjoni li gejja dwar kull razzett fejn jkun hemm annimali porcini:

(a) il-kodici tal-pajjiz u n-numru ta' identifikazzjoni li jkun jikkonsisti f'mhux aktar minn 12-il figura (apparti l-kodici tal-pajjiz);

(b) l-indirizz tar-razzett;

(c) l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli ghall-annimali;

(d) il-ko-ordinati geografici jew indikazzjoni geografika ekwivalenti tar-razzett;

(e) sezzjoni ta'*data* fejn ikun possibli ghall-awtorità kompetenti li ddahhal informazzjoni sanitarja, bhalma huma restrizzjonijiet fuq movimenti, status jew informazzjoni rilevanti ohra fil-kuntest ta' programmi Komunitarji jew nazzjonali.

(2) B'zieda ma' l-informazzjoni mnizzla f'sub-regolament 1 ta' din ir-regola, ir-registru tar-razzett jista' jkollu din l-informazzjoni li gejja dwar kull razzett fej jkun hemm annimali porcini:

(a) it-tip ta' produzzjoni;

(b) il-kapacità;

(c) l-isem u l-indirizz tas-sid tar-razzett;

(d) l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli ghall-mizuri sanitarji;

(e) kull informazzjoni ohra li titqies necessarja mill-awtorità kompetenti.

Izda l-awtorita kompetenti ghandha tinfurma lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni msemmija f'din is-sub-regola li tkun hi inkluza fir-registru tar-razzett fid-*databases* nazzjonali taghha ghal annimali porcini.